**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 909/97

Edward Paul Tanti

vs

Chairman Korporazzjoni Enemalta

Illum 28 ta' Marzu, 2001.

It-Tribunal,

Ra r-rikors illi dan l-ilment hu bazat fuq kif giet kalkolata l-pensjoni tieghu mill-Korporazzjoni intimata, fit-8 Frar 1987 u kif gie mcahhad illegalment minn promozzjoni formali dovuta lilu.

Il-fatti fil-qosor kienu dawn:

Illi huwa l-ewwel kien impjegat civili u wara hadem mal-Korporazzjoni. Il-pensjoni tieghu giet kalkolata fuq il-bazi ta' Scale 12 meta fil-fatt kien intitolat li jiehu l-pensjoni fuq Scale 11. Fil-fatt huwa kien jaghhmel ix-xoghol u kien ressponsabbli

bhala Technical Officer 1, jirrispondi direttament, jissosstitwixxi u jigi direttament taht l-engineer. Fejn kien jahdem, bejnu u bejn l-engineer ma kien hemm l-ebda grad iehor. Meta inholoq tali post (ta' generating officer) fil-generating station u hu applika qalulu li hu ma kienx applika meta fil-fatt dan kien ghamlu kif jigi ppruvat minn dokumenti.

Illi kien hemm il-hsieb li jingiebu x-xhieda indikati in sostenn tat-talba.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li t-Tribunal jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jithallas kumpens skond l-istess ligi.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

Ra r-risposta tal-Korporazzjoni Enemalta li eccepiet:

Illi l-ilment imressaq mir-rikorrent ma jaqax fil-kompetenza tat-Tribunal kif definita f'Artiklu 6(2) ta' l-Att numru VIII ta' 1997 minhabba l-fatt li dan diga gie nvestigat mill-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji (Kap 320 tal-Ligijiet ta' Malta).

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Ra l-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-Korporazzjoni intimata.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

Illi mill-verbal tal-4 ta' April, 2000 jirrizulta li r-rikorrent irtira t-talba dwar il-promozzjoni waqt li zamm ferm dik tal-pensjoni; il-partijiet qablu li r-rikorrent ma marx quddiem il-Kummissjoni dwar il-pensjoni. F'dan l-istadju l-intimat eccepixxa ulterjormant li pensjoni mhix ta' kompetenza tat-Tribunal ***ratione materiae*** a tenur tal-artikolu 6 (1).

Illi dan it-Tribunal ezamina l-kwistjoni ta' kompetenza ***ratione materiae*** fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Barbara vs Med Serv Limited et" deciza fl-10 ta' Mejju, 1999 fejn qal:

"F'dan l-istadju hu importanti li wiehed jezamina dak li hu mehtieg biex ilment ikun tal-kompetenza tat-Tribunal. Minn ezami ta' l-art 6 (1) jirrizulta li l-***ewwel rekwisit*** huwa li jrid ikun hemm ilment bil-miktub; dan sar mir-rikorrent.

***Sekondarjament*** ir-rikorrent irid jallega li garrab ingustizzja. Dan ukoll gie allegat mir-rikorrent.

***It-tielet element*** hu li din l-ingustizzja tkun b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita' jew restrizzjoni li kellha ggarrab. Dan l-element jinsab allegat ukoll fir-rikors in ezami.

***Ir-raba' rekwisit*** hu li l-imsemmija ingustizzja tkun saret b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan 1-Att.

***Il-hames element*** hu li l-ingustizzja allegata mir-rikorrent tkun dwar wiehed mill-paragrafi (a) sa (d) imsemmija.

Hawnhekk wiehed bil-fors ikollu jaghmel il-kummenti segwenti. L-Att VIII tal-1997 ghandu hafna partijiet li jixbhu u huma bazati fuq l-Att XV tal-1987. Infatti l-istess artikolu 6 ta' dak l-att kien jitkellem dwar is-setghat tal-Kummissjoni. Issa f'dak l-artikolu 6 fil-parti finali tieghu kien jinghad " u b'mod partikulari izda bla hsara ghall-generalita' ta' dak imsemmi qabel, il-Kummissjoni tista' tinvestiga dak l-ilment dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:…" Fl-Att VIII tal-1997 pero' kull ma jinghad hu "dwar kull wiehed min dawn li gejjin:.." u ghalhekk il-legislatur f'dan il-kaz kien aktar restrittiv. Il-lista imsemmija mill-legislatur hija wahda ta' portata espressa u mhux wahda indikattiva ghalkemm naturalment trid issir l-interpretazzjoni gusta taghha kif infatti ser jinghad aktar l-isfel.

L-artikolu 6 (1) (a) jirreferi ghal hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici… L-artikolu 6 (1) (b) jitkellem dwar hatriet, promozzjonijiet, jew trasferimenti ta' membri, ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi… L-artikolu 6 (1) ( c ) jirreferi ghal dhul fl-impieg u hu manifest li ma jirrigwardax il-kaz in ezami. Lanqas ma hu applikabbli l-artikolu 6 (1) (d) li jitkellem dwar licenzi jew permessi mehtiega bil-ligi… L-istess pricipju gie applikat fil-kazi deciz mit-Tribunal fil-kaz ta' Godfrey Harnsworth vs Kalaxlokk Company Limited deciz 11 ta' Mejju, 1998 li kien jikkoncerna hlas ta' allowances mhux konnessi ma' xi hatra jew promozzjoni, fil-kaz ta' Anthony Vella vs Kalxlokk Company Limited deciz fit-22 ta' Gunju, 1998 li kien jikkoncerna Bonus kif ukoll allowances", fil-kaz ta' George Debono vs Kap Kmandant vs Forzi Armati ta' Malta deciz fit-28 ta' Ottubru, 1998 fil-parti li kienet tikkoncerna l-ghoti ta' medalja, fil-kaz ta' Kenneth Abela vs Chairman Malta Drydocks deciz fit-12 ta' Jannar, 1999, li kien jikkoncerna kwistjoni dwar leave, J Schembri vs Air Malta deciz fit-3 ta' Marzu, 1999 li kien jikkoncerna nuqqas ta' hlas ta' paga.

Differenti hu l-kaz ta' "Downgrading" li ghalkemm ma jissemmix specifikament dan it-Tribunal qiesu bhal ta' kompetenza tieghu fil-kawza fl-ismijiet M. Micallef vs Malta Shipbuilding Company Limited deciza fl-4 ta' Marzu 1999 minhabba li dan hu l-oppost ta' promozzjoni."

Issa pensjoni ma tissemma imkien fl-artikolu 6 (1) ta' l-Att VIII tal-1997. Hu possibli pero' li t-Tribunal jidhol fi kwistjonijiet ta' pensjoni, izda dawn iridu jkunu rizultat [chain effect] ta' xi aspett li hu ta' kompetenza tat-Tribunal. Ghalhekk promozzjoni ta' persuna irtirata tista' taffetwa il-pensjoni ta' l-istess rikorrent u ghalhekk ghalkemm strettament ghalkemm pensjoni ma tissemmix xorta wahda tista' tigi affetwata.

Issa r-rikorrent f'dan il-kaz qieghed jppretendi li t-Tribunal jerga jidhol f'ezami ta' jekk hu kienx haqqu l-promozzjoni biex b'hekk ikun jista' jidhol fil-kwistjoni tal-pensjoni. Izda hawn hu car li t-Tribunal hu prekluz milli jaghmel dan. It-Tribunal skond l-artikolu 6 (2) tal-Att "Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, it-Tribunal ma ghandux jaccetta li jezercita s-setghat tieghu taht dan l-artikolu f'kull kaz fejn ikun gie investigat ilment dwaru quddiem il-Kummissjoni mwaqqfa taht l-Att dwar l-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jew li dwaru jkun tressaq kaz quddiem xi Qorti." Il-kaz tal-promozzjoni tar-rikorrent gja gie investigat mill-Kummissjoni u skond il-Kummissjoni mhux gustifikat. Dan iwassal li t-Tribunal ma jista' jaghmel xejn ghar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat li t-Tribunal mhux kompetenti ***ratione materiae.***

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.